**QORTI CIVILI PRIM` AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Ref. Kost. Nru. 135/19 JZM**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

***kontra***

**Khaled M Ibrahim Ben Nasan**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat il-provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fid-29 ta` Lulju 2019 li jaqra hekk :–

*Il-Qorti :*

*Rat ir-rikors ta' l-imputat prezentat fit-23 ta' April 2019[1] permezz ta' liema, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab lil din il-Qorti tirreferi l-kwistjoni minnu sollevata lill-Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali.*

*Rat id-digriet taghha ta' dak in-nhar stess permezz ta' liema talbet lill-imputat biex jindika l-artikoli tal-Ligi li taghhom qed jallega ksur.*

*Rat in-nota ta' l-imputat prezentata fit-2 ta' Mejju 2019[2] permezz ta' liema kkjarifika li huwa qed jallega ksur tad-drittijiet sanciti permezz ta' l-artikolu 39(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.*

*Rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-arikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijijet ta' Malta.*

*Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.*

*Rat l-atti processwali.*

*Ikkunsidrat :*

*Illi jibda biex jinghad li permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebitat b'hames imputazzjonijiet : truffa u frodi innominata, falsifikazzjoni, kalunnja, u simulazzjoni ta' reat[3].*

*Illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u l-imputat beda jressaq il-provi tieghu. Wiehed mix-xhieda li ressaq kien certu Ivan Grech Mintoff[4].*

*Illi permezz ta' digriet datat 14 ta' Marzu 2019[5], ghar-ragunijiet hemm premessi, din il-Qorti ddikjarat lill-imsemmi Ivan Grech Mintoff xhud inammissibbli.*

---

[1] A fol 483/484.
[2] A fol 487/488.
[3] Reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310; 167; 110(1) u 110(2) tal-Kodici Krimiali.
[4] Huwa tressaq biex jixhed f'l-udjenza ta'l-14 ta' Frar 2019; id-depozizzjoni tieghu hija a fol 478/479.
[5] Ref verbal a fol 481/482.

*Illi l-imputat hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk talab li ssir referenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex dik il-Qorti tindaga jekk l-imsemmija decizjoni ta' din il-Qorti tillediex id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq sancit fid-dispozizzjonijiet minnu imsemmija.*

*Illi huwa principju ben stabbilit fis-sistema giuridika taghna li biex Qorti tirreferi kwistjoni, lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ai termini ta' l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijijet ta' Malta jew anke ai termini ta'l-artikolu 46(3) tal-Kostituzjoni, dwar allegat ksur ta' wiehed mid-drittijiet fundamentali dik il-Qorti necessarjament trid tkun sodisfatta li jkun hemm relazzjoni intima bejn il-mertu in diskussjoni u d-dritt fundamentali li jkun qed jigi allegat il-ksur tieghu.*

*Illi kif intqal mill-Qrati taghna s-subinciz 3 ta'l-artikolu 46 (tal-Kostituzzjoni)*[6]*jitlob li mhux kull kwistjoni ta' natura kostituzzjonali li tista' titqajjem minn parti jew min ohra f'proceduri legali ghandha necessarjament tigi riferita lil Prim Awla anke jekk prima facie jkun jidher li l-ilment ikollu certu bazi. Jekk dan jigi permess dik il-Qorti tkun qed tippermetti t-twaqqif ta' dawk il-proceduri li jkunu mexjin quddiemha pendenti decizjoni fuq punt kostituzzjonali li jkun kompletament disassocjat mal-mertu li jkollha quddiemha … Fil-kaz meta ma jkunx hemm ness dirett bejn il-mertu dibattut u l-ilment ta' natura kostituzzjonali ir-referenza mhux il-mezz idoneu sabiex jigi kunsidrat dak l-ilment izda ghandhom jigu istitwiti proceduri ad hoc…dana billi kull decizjoni fuq dak l-ilment qatt ma jista jkollu rifless fuq il-mertu propju tal-proceduri quddiem dik il-Qorti* [7]*.*

*Illi fl-istess sentenza kwotata l-Qorti Kostituzzjonali iddeskriviet ir-rabta bejn il-kwistjoni kostituzzjonali li tirrikjedi referenza u l-mertu fil-proceduri quddiem il-Qorti li giet mitluba taghmel referenza bhala "rabta inxindibbli" u rabta li tirrikjedi li l-kwistjoni tigi determinata mill-Qorti kompetenti qabel ma (il-Qorti li tkun ghamlet ir-referenza) setghet tipprocedi bis-smiegh tal-proceduri u bid-determinazzjoni ta' dak il-mertu. Dan propju ghaliex biex jigi determinat dak il-mertu hi kienet tehtieg qabel xejn id-direzzjoni ta' l-organu gudizzjarju kompetenti fuq dik il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata quddiemha.*

*Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jidher li din il-Qorti ma tistax tipprocedi bid-determinazzjoni tal-mertu tal-proceduri odjerni qabel ma tinghata direzzjoni mill-Qorti kompetenti fuq l-ilment sollevat mill-imputat.*

---

[6] U bhalu l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319.
[7] Ref Edgar Blundell et vs Direttur tas-Sigurta Socjali deciza 20.03.2000 Qorti Kostituzzjonali.

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba ta' l-imputat u tirreferi dan il-kaz lill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) biex dik il-Qorti tiddetermina jekk id-decizjoni mghotija f'l-14 ta' Marzu 2019, permezz ta' liema Ivan Grech Mintoff gie dikjarat xhud inammissibbli, tillediex id-drittijiet ta' l-imputat sanciti permezz ta'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.*

Rat id-digriet taghha tas-6 ta` Awissu 2019.

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fid-19 ta` Awissu 2019 skont id-digriet taghha tas-6 ta` Awissu 2019. Taqra hekk :–

*Illi r-referenza kostituzzjonali tirrigwarda mistoqsija tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali dwar jekk ic-cahda tal-istess Qorti sabiex id-difiza tipproduci lix-xhud Ivan Grech Mintoff bhala parti mill-provi tad-difiza jammontax ghal-vjolazzjoni tal-jedd ghal-smigh xieraq tal-akkuzat sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza kriminali li r-rikorrenti irid li jixhed Ivan Grech Mintoff li huwa gurnalist investigattiv u li jaghmel programmi ta`diskussjoni fuq il-mezzi tax-xandir. Il-Qorti tal-Magistrati cahdet t-talba tad-difiza wara li l-Qorti qieset li x-xhieda ta` Grech Mintoff hija irrilevanti ghal-fatti tal-kawza kriminali u rriteniet li tali xhieda hija ghalhekk inammissibbli.*

*Illi l-esponent jibda biex jirrileva li mhux kontestat li bhala parti mill-principju tal-equality of arms kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza ghandhom jinghataw opportunita` indaqs biex jipprezentaw provi, jaghmlu kontro-ezamijiet tax-xhieda u sottomissjonijiet. Pero` l-jedd ghal-smigh xieraq irid ukoll jigi ezaminat fit-totalita` tal-proceduri kriminali u dan ghalissa ma jistax isir peress li l-proceduri in dizamina ghadhom mhux konkluzi.*

*Illi kif ser jigi spjegat iktar `l quddiem il-gurisprudenza hija konsistenti li ghalkemm id-difiza ghandha jedd tipproduci xhieda pero` dan il-jedd mhuwiex wiehed assolut u ghalhekk ir-rikorrent m`ghandu l-ebda jedd fundamentali li jtella x-xhieda kollha li jrid hu minghajr ebda limiti. Il-*

*Qorti ghandha dejjem is-setgha li tikkontrolla u tiskrutinizza r-relevanza u l-ammissibilita` ta` xhieda mitluba mill-partijiet f`kawza haga li tigri kuljum fil-Qrati taghna.*

*Wara li tat l-opportunita` lir-rikorrent jispjega r-relevanza tax-xhud in kwistjoni, l-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha waslet ghal-konkluzjoni* *<u>legittima</u>* *li x-xhud Ivan Grech Mintoff fil-vesti tieghu ta` gurnalist investigattiv ma kienx ser jaghti xhieda relevanti ghar-reati li r-rikorrenti qed jigi akkuzat li wettaq. L-esponent ma jara xejn irregolari f`dan kollu jew li sahansitra r-rikorrenti qed jigi imcahhad mil-jedd ghal-smigh xieraq.*

*Illi fuq kollox din il-Qorti fil-vesti kostituzzjonali taghha ma tistghax tintuza bhala Qorti ta` revizjoni biex tirrevedi jew tirrevoka digrieti li jkunu inghataw minn Qrati ohra.*

*Illi ghalhekk m`hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` dan il-procediment.

Semghet ix-xiehda tal-Ispettur Rennie Stivala fl-udjenza tat-28 ta` Novembru 2019.

Rat l-atti tal-procediment kriminali li kien istitwit kontra Ben Nasan Khaled Ibrahim.

Rat illi l-procediment odjern thalla ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Ix-xiehda tal-Ispettur Rennie Stivala</u>

Xehed illi huwa stazzjonat fl-Economic Crimes Unit tal-Pulizija u qed imexxi l-prosekuzzjoi fil-kawza li kienet istitwita kontra Khaled M Ibrahim Ben Nasan ("**<u>Ben Nasan</u>**").

Xehed illi Ben Nasan kien mar ikellmu flimkien mal-avukat tieghu sabiex jaghmel kwerela kontra certu Neville Gafa ("**<u>Gafa</u>**"). Allega li kien ghadda madwar €37,000 lil dan Gafa sabiex Gafa ikun jista` jipprocessa u jgib medical visas ghal persuni ta` nazzjonalita Libjana biex jiehdu kura medika go Malta fiz-zmien meta kienet ghaddejja l-gwerra fil-Libja. Gafa huwa persuna li ufficjalment jahdem fil-Ministeru tas-Sahha, pero` jidher li kellu nkariku mill-Ufficcju tal-Prim Ministru sabiex jiffacilita l-ftehim li diga` kien hemm bejn il-gvernijiet taz-zewg pajjizi sabiex persuni li jkunu sfaw feruti fil-gwerra jingiebu ghall-kura f`pajjizna. Skont dan il-ftehim, ic-cittadini Libjani li jingiebu Malta ma kellhomx ihallsu tal-kura li jircievu. Ben Nasan ghaddielu ktieb ta` ricevuti fejn jidher li kien hemm numru ta' passaporti u xi kitba bl-Gharbi. Ben Nasan talbu jinvestiga ghaliex dawk ir-ricevuti kienu saru minn Gafa.

Kompla jixhed li Ben Nasan tkellem mieghu bil-Malti tant li ma kienx hemm bzonn jitqabbad traduttur. Huwa nvestiga dak li kien rappurtat lilu minn Ben Nasan pero` la sab flus u lanqas indizji li Gafa kien thallas xi flus. Meta staqsa lil Ben Basan ghaliex ir-ricevuti kienu bl-Gharbi, meta Gafa ma jafx l-Gharbi, Ben Nasan wiegbu li dawk ghamilhom huwa stess bhala pro memoria.

Stqarr illi waqt li kien qed jinvestiga lil Gafa huwa talab li ssir tfittxija fl-ufficcju tieghu fid-Dipartiment tas-Sahha u saret ukoll tfittixija wkoll fir-residenza tieghu.

Kompla stqarr illi Ben Nasan ghamel ukoll rapport fl-Ghassa ta' San Giljan, fejn allega li kien qed jigi mhedded u li kien ircieva wkoll xi telefonati ta` theddid. Huwa mputa dan it-theddid lil Gafa. Sar jaf b`dan ir-rapport ghaliex kien infurmat mill-Ghassa ta' San Giljan. Billi deher li Ben Nasan kien ircieva theddid b`messagg li kien ircieva fuq il-mobile telephone tieghu, sar kuntatt mas-service provider koncernat, li kienet Vodafone. Minn hemm kienet rintraccjata l-card li minn fuqha ntbaghat l-messagg. Irrizulta li l-card kienet registrata fuq telephone li kien ta` Ben Nasan stess. Ghalhekk baghat ghal Ben Nasan sabiex johodlu stqarrija. Kien jidher li Ben Nasan kien holoq tracci ta' reat u li ghamel rapport falz. Ghalhekk kienu istitwiti proceduri kriminali kontra Ben Nasan.

Fisser li waqt is-smigh tal-kawza quddiem il-Magistrat Doreen Clarke, issemma theddid iehor, in partikolari meta kienet qeghda ssir trattazzjoni dwar xhud certu Ivan Grech Mintoff ("**Grech Mintoff**"). Inghad li anke dan Grech Mintoff kien qed jigi mhedded. Huwa kellem lil Grech Mintoff xi darbtejn biex jigbor informazzjoni minghandu, izda qatt ma qallu li kien gie mhedded ukoll. Waqt l-investigazzjoni Grech Mintoff u persuna ohra certu Calleja kienu marru jkellmuh biex jghaddulu informazzjoni u biex jghidulu li dak li kien allega Ben Nasan kien minnu, fis-sens li tassew kienu qeghdin ighaddu flus lil xi rapprezentanti tal-Gvern, jekk mhux lil Neville Gafa biss. Huwa talab aktar informazzjoni minghand Grech Mintoff. Fil-fatt dan qallu li kien se johodlu l-ismijiet ta' nies, u li kellu kollox fuq pendrive, izda li kien qed jibza` jghaddiha. Hu kien qal lil Grech Mintoff li jekk kellu nformazzjoni kellu jghaddihilu u li jekk ma kienx qed jafda lilu seta` jghaddiha lis-superjuri tieghu. Huwa qatt ma rcieva din il-informazzjoni minghand Grech Mintoff.

Kompla fisser li Grech Mintoff kien qallu li huwa kellu nformazzjoni kemm bhala gurnalista, u kemm bhala persuna li ghandu hbieb il-Libja, li kienu qalulu xi affarijiet.

Stqarr illi l-oggezzjoni li saret quddiem il-Magistrat Clarke sabiex Grech Mintoff ma jithalliex jixhed kienet ibbazata fl-ewwel lok fuq il-fatt li d-depozizzjoni kienet sejra tikkostitwixxi xiehda *hearsay* u fit-tieni lok ghaliex ma kenitx sejra tkun rilevanti tenut kont tar-reati li bihom Ben Nasan kien akkuzat.

Fil-**kontroezami**, xehed illi l-investigazzjoni bdiet mhux bi kwerela li ghamel Ben Nasan izda minhabba li Ben Nasan kien kiteb lill-Ministru tas-Sahha u lill-Prim Ministru. Hu beda l-investigazzjoni meta s-superjuri tieghu ghaddewlu l-file u baghat ghal Ben Nasanghall-intimat.

Dwar il-fatt li Grech Mintoff twaqqaf milli jixhed, xehed illi kieku Grech Mintoff kien ser jiddeponi dwar theddid li garrab hu, ma kienx ser jopponi d-deposizzjoni tieghu.

## III. Dritt

**Ir-rikorrent talab ir-referenza ghaliex jikkontendi li bil-fatt li ma thalliex iressaq bhala xhud tieghu lil Ivan Grech Mintoff garrab**

**ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq hekk kif dan il-jedd huwa mhares bl-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ("__il-Konvenzjoni__") u bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("__il-Kostituzzjoni__").**

Il-parti tal-**__Art 6 tal-Konvenzjoni__** li hija rilevanti ghall-kaz tal-lum hija s-subartikolu (3) li jghid :–

*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin :*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tieghu;*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiża tieghu;*

*(c) li jiddefendi ruhu persunalment jew permezz ta' assistenza legali maghżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jehtieġu hekk;*

*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;*

*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

Il-parti tal-**__Art 39 Kostituzzjoni__** li ghandha rilevanza ghall-kaz tal-lum hija s-subartikolu (6) li jipprovdu hekk :-

*Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali –*

*(a) ghandu jigi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhemu bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkuzat;*

*(b) ghandu jigi moghti zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;*

*(c) ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali u min ma jkunx jista' jhallas ghal rapprezentanza*

*legali hekk kif tkun mehtiega ragonevolment mic-cirkostanzi tal-kaz tieghu jkollu dritt li jkollu dik ir-rapprezentanza bi spejjez pubblici;*

*(d) ghandu jigi moghti facilitajiet biex jezamina personalment jew permezz tar-rapprezentant legali tieghu x-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suggett ghall-hlas tal-ispejjez ragonevoli taghhom, u jaghmel l-ezami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu ghalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bhal dawk li jghoddu ghal xhieda msejha mill-prosekuzzjoni; u*

*(e) ghandu jithalla li jkollu bla hlas l-ghajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien uzat fil-proceduri dwar l-akkuza,*

*u hlief bil-kunsens tieghu stess il-proceduri ma jistghux jinzammu fl-assenza tieghu hlief jekk huwa jgib ruhu hekk li jaghmel it-tkomplija tal-proceduri fil-prezenza tieghu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jigi mwarrab u li l-proceduri jitkomplew fl-assenza tieghu.*

## IV. <u>Gurisprudenza</u>

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Gunju 2018 fil-kaz ta` **<u>Kartvelishvili vs Georgia</u>** l-ECtHR qalet hekk :–

*59. The Court reiterates that the guarantees contained in Article 6 § 3, including those enunciated in sub-paragraph (d), are constituent elements of the concept of a fair trial set forth in Article 6 § 1 (see Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 100, ECHR 2015). Its essential aim, as is indicated by the words "under the same conditions", is full "equality of arms" in the matter. With this proviso, it leaves it to the competent national authorities to decide upon the relevance of proposed evidence, in so far as this is compatible with the concept of a fair trial, which dominates the whole of Article 6 (see Engel and Others v. the Netherlands, 8 June 1976, § 91, Series A no. 22, and Gregačević v. Croatia, no.58331/09, § 60, 10 July 2012).*

*60. The admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see, among many other authorities, Van Mechelen and Others v. the Netherlands, 23 April 1997, § 50, Reports of Judgments and Decisions 1997-III). In particular, as a general rule, it is for the national courts to assess the evidence before them as well as the relevance of the evidence which defendants seek to*

*adduce. Article 6 § 3 (d) leaves it to them to assess whether it is appropriate to call witnesses (see Perna v. Italy[GC], no. 48898/99, § 29, ECHR 2003-V, and Vidal v. Belgium, 22 April 1992, § 33, Series A no. 235-B).*

*61. It is accordingly not sufficient for a defendant to complain that he or she has not been allowed to question certain witnesses; he or she must, in addition, support his or her request by explaining why it is important for the witnesses concerned to give evidence and why their evidence must be necessary for the establishment of the truth (see Perna, cited above, ibid.; Guilloury v. France, no. 62236/00, § 55, 22 June 2006; and Borisova v. Bulgaria, no.56891/00, § 46, 21 December 2006). Thus, when a defendant has made an application to have witness evidence heard, which is not vexatious, and which is sufficiently reasoned, relevant to the subject matter of the accusation and could arguably have strengthened position of the defence or even led to the defendant's acquittal, the domestic authorities must provide sufficient and relevant reasons for dismissing such an application (see Polyakov v. Russia, no. 77018/01, §§ 34-35, 29 January 2009, and Poropat v. Slovenia, no. 21668/12, § 42, 9 May 2017).*

## V. <u>Fatti</u>

Quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, fl-istadju tal-provi tieghu, l-akkuzat Ben Nasan ressaq bhala xhud tad-difiza lil Ivan Grech Mintoff.

Dan sar fl-udjenza tal-14 ta` Frar 2019.

Wara li Grech Mintoff beda jixhed, il-Qorti ordnat is-sospensjoni tad-deposizzjoni tieghu, u sar dan il-verbal :

*Peress illi qed jirrizulta illi x-xhud Ivan Grech Mintoff ser jiddeponi fil-vesti tieghu ta` gurnalist investigattiv, il-Qorti qed tordna lill-imputat biex jindika permezz ta` nota b`mod specifiku x`prova jixtieq jaghmel permezz tal-imsemmi xhud bl-ghan li tigi determinata l-ammissibilita` o meno tal-imsemmi Ivan Grech Mintoff bhala xhud.*

L-akkuzat ipprezenta n-nota. Hemm indika l-oggett tal-prova li ried jaghmel bid-deposizzjoni tax-xhud.

Fl-udjenza ta` wara, u cioe` dik tal-14 ta` Marzu 2019, il-Qorti pprovdiet hekk *inter alia* :–

*Peress illi mill-imsemmija nota jidher li x-xhud Ivan Grech Mintoff ser ikun qed jixhed fuq affarijiet illi huwa gie a konjizzjonij taghhom f-kors tar-ricerka u investigazzjoni li ikkonduca huwa.*

*Peress illi fi kwalunkwe kaz dan li hemm indikat fin-nota mhux rilevanti ghar-reati li bihom qed jigi adebitat l-imputat tiddikjara li x-xhud Ivan Grech Mintoff inammissibli naturalment minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-imputat li jressaq dawk il-provi anke fuq informazzjoni li seta ghaddielu x-xhud rikjest Ivan Grech Mintoff u liema xhieda jistghu jaghtu informazzjoni relevanti ghal kaz in ezami.*

Fit-23 ta` April 2019, l-akkuzat ipprezenta rikors fejn talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex taghmel referenza kostituzzjonali.

Fit-2 ta` Mejju 2019, l-akkuzat ipprezenta nota fejn indika fuq liema disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni kien qieghed jitlob ir-referenza.

Fid-29 ta` Lulju 2019, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tat provvediment fejn laqghet it-talba ghar-referenza.

## VI. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-Qorti tibda billi tirreferi ghal zewg disposizzjonijiet partikolari tal-Kodici Kriminali : l-Art 638(1) u l-Art 636.

Fl-**<u>Art 638(1)</u>** ighid :

*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti.*

L-**Art 636** ighid :-

*Ebda eccezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tigi milqugha minhabba –*

*(a) li milli jistqarr huwa nnifsu, jew xort'ohra, jinsab li huwa kien sar hati ta' reat jew li b'xi mod kien gie misjub hati, ikkundannat, imcanfar, jew imwahhal piena minn qorti jew awtorità ohra; jew*

*(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xiehda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed; jew*

*(c) li jkollu interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtiega x-xiehda tieghu, jew fir-rizultat tal-kawza;*

*(d) li, f'kaz ta' xhud li jkun gie ammess biex jibbenefika taht il-programm ta' harsien ta' xhieda mwaqqaf skontit-Titolu IV tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Pulizija, ix-xhud kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xiehda tieghu jew li hu soggett li jkun imharrek fil-futur fir-rigward tal-imsemmi reat jew ta' xi reat relatat.*

Jidher illi r-raguni li sabet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex tiddikjara li Ivan Grech Mintoff ma kienx xhud ammissibbli kienet fuq bazi ta` rilevanza fis-sens illi kien jidher li x-xiehda tieghu ma kenitx sejra tkun rilevanti ghar-reati li bihom Ben Nasan kien akkuzat.

Dwar id-distinzjoni bejn rilevanza u ammissibilita`, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta` Novembru 2011 fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ahmed El Gamoudi**" fejn inghad :-

*Issa, kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-ammissibilita` ta' xhud hi essenzjalment haga differenti mir-relevanza tal-prova li wiehed ikun irid jaghmel permezz ta' dak ix-xhud. Nonostante cio` ghadhom jitressqu eccezzjonijiet li jinjoraw din id-differenza. Huwa ghalhekk opportun li jigu ribaditi il-principji li ghandhom jirregolaw il-materja u li gew elenkati ferm tajjeb fis-sentenza citata mill-appellant stess, u cioe` s-sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru 1990 minn din il-*

*Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Cioffi**. Dawn il-principji huma s-segwenti :*

*"(a) In generali inghad illi l-kuncett ta' ammissibilita` riferibbilment ghall-mezz ta' prova ghall-finijiet tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali proprjament jitqies bhala riferibbli ghal **'le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio'** (Koll. Vol. XIX. IV.9) jew ghal **'le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso'** (Koll.Vol. XXVII.IV.595), bhala distint mis-semplici rilevanza 'ut sic'. Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal- 4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad:*

***"'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione `' propriamente quella di rilevanza della prova.....'***

*"(b) Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 1977 in re IR-REPUBBLIKA TA' MALTA - VS - CECIL PACE U HENRY ALBERT PACE a propozitu ta' din id- distinzjoni osservat:*

***"'Kif inghad ukoll minn din il-Qorti f'Repubblika vs Joseph Gauci, supra, din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju taghna u f'dan id- dawl forsi jista jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma 'relevancy' hi kontrapposta ghall- 'admissibility' anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fil-fatt fid-decizjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirrizulta essenzjalment marbuta mad-divizjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta (kif kienet sal-1967 ghall-finijiet tal-eccezzjoni dwar l- ammissibilita` tal-provi) u l-Imhallef tal-meritu; illum il- posizzjoni hi li l-Imhallef tal-meritu jiddeciedi hu ukoll din l-eccezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti izda peraltro jidher li l-posizzjoni baqghet sostanzjalment l-istess.** L-istess Qorti ziedet tghid: **'...proprjament il- kwistjoni issa tirrisolvi ruhha f'wahda ta' appellabilita` o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li ghalihom gia saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu (Koll.Vol.XXVII.IV.597) u li 'la decisione sulla rilevanza o meno appartiene esclusivamente a tale Corte' billi l-Qorti Kolleggjali 'e` chiamata a decidere soltanto della ammissibilita` o meno (fis-sens propriu gia fuq imsemmi) di prove, ma non della loro rilevanza' (Koll Vol. XXI.IV.15, a pag.16).'***

*"c) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet ziedet illi:*

***"'Tassew li xi drabi jista' jaghti l-kaz li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar il-boghod u tipprezenta ruhha marbuta ma' dik tal-ammissibilita` fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per ezempju tincidi fuq principji ohra, bhallikieku fil-kaz ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti tal- akkuzat ta' atti kriminali (jew komunkwe 'wrongful') differenti minn dawk koperti mill-att ta' akkuza (ara sentenzi ta' din il-Qorti Regina vs Paul Azzopardi, supra, u Repubblika vs Carmel Mangion et, 11 ta' Dicembru, 1975)'** izda spjegat illi meta pero` si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza 'ut sic', din hija tradizzjonalment imhollija ghall-apprezzament tal-Imhallef tal-meritu fil-kompetenza tieghu.*

*"(d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Generali rega' tenna f'dan l-appell u cioe` illi l-fatt illi qabel ma jwiegeb ghall-mistoqsija jekk ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra l-ammissibilita` tal-provi dikjarati mill- akkuzat jista' jitlob li dan jiddikjara l-oggett tal-prova u vice versa huwa intiz sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mir-rilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeciedi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fis-sentenza taghha citata in re PACE, supra, spjegat kif din is-sottomissjoni, **'ghalkemm ingenjuza, mhijiex korretta'** u li l-fatt li d-domanda dwar l-oggett tal-prova issir fl- istadju li ssir ma jbiddilx dak li gja inghad dwar id-differenza bejn il-kuncett ta' ammissibilita` u dak ta' rilevanza u li kwistjoni ta' mera rilevanza ta' provi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu salv li, f'kaz partikolari u in vista ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti tara, nonostanti t- termini uzati, jekk il-kwistjoni kinitx verament wahda ta' mera rilevanza fis-sens li inghad jew inkella le. Il- konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta' decizjoni merament fuq rilevanza ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta' decizjoni fuq ammissibilita` ta' prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti.*

*"(e) Kif gie diversi drabi deciz, anki fis-sentenza appena citata, id-decizjoni dwar ir-rilevanza il-Qorti Kriminali ma tohodhiex u m'ghandiex tohodha in forza tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali izda bis-sahha tal-artikolu 520(2) tal- istess Kodici li jimponi fuq il-Qorti id-dover li 'inter alia' ma thallix li jsir fil-provi dak li **'ma jkunx rilevanti jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawza'.***

*"(f) Jigifieri qed jigi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tas-smiegh tal-provi, l-istess m'ghandiex tigi preventivament u prijoristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghal **'facts in issue'**. Dana, din il-Qorti hasset il-bzonn li tirribadih peress li, kif inghad, spiss qed*

*jigri li flok ma l-kuncetti ta' ammissibilita` u ta' rilevanza jinzammu distinti dak tar-rilevanza qed jigi ekwiparat ghal dak ta' ammissibilita` u provi qed jigu eskluzi bhala irrilevanti qabel ma biss jkunu instemghu u qabel ma l-istess Qorti ta' meritu tkun verament fil-posizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu l-'***facts in issue'.*** *Dan hu ezattament dak li gara fis-sentenza appellata billi l-ewwel Onorabbili Qorti halltet flimkien iz-zewg kuncetti indiskriminatament b'mod li ddecidiet l-ammissibilita` fuq kriterji legali zbaljati."*

***12.*** *Fil-kaz in ezami, l-Avukat Generali evidentement ekwipara r-relevanza tax-xhud Victor Galea ma' l-ammissibilita` tieghu. Fil-fatt fl-ewwel eccezzjoni tieghu jghid li dan ix-xhud mhuwiex relevanti ghall-mertu tal-kaz u "ghaldaqstant ghandu jitqies inammissibbli". L-ewwel Qorti qalet illi fil-fehma taghha dan ix-xhud jidher li bl-ebda mod ma jista' jitfa xi dawl fuq l-fatti kif deskritti fil-Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza. L-ewwel Qorti jista' ghandha ragun, izda ghandu jithalla f'idejn il-Qorti tal-mertu li tiddeciedi dwar ir-rilevanza o meno ta' dan ix-xhud. Wara kollox ma tistax tigi eskluza a priori l-possibilita` li Victor Galea huwa xhud rilevanti ghal xi difiza mqajma mill-appellant."*

Kif diga` rrizulta, il-Qorti tal-Magistrati kienet issospendiet id-deposizzjoni ta` Grech Mintoff, wara li kien beda jixhed, billi kien qed jidher li x-xiehda li kien ser jaghti kienet sejra tkun dwar grajjiet li sar jaf bihom meta kien qed jikkonduci investigazzjoni gurnalistika. Jidher illi l-investigazzjoni kienet tittratta materji li kienu jinvolvu lil Ben Nasan. Fil-fatt Grech Mintoff issemma fil-kors tal-gbir tal-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati kemm mill-Ispettur Rennie Stivala, kemm mill-Assistent Kummissarju Ian Abdilla u kif ukoll minn Ben Nasan stess meta xehdu. Jirrizulta wkoll li qabel Ben Nasan kien akkuzat, il-pulizija kienu kellmu lil Grech Mintoff b`rabta mal-investigazzjonijiet li kienu jinvolvu lill-istess Ben Nasan.

Milli xehed l-Ispettur Rennie Stivala quddiem din il-Qorti jidher li x-xiehda ta` Grech Mintoff kienet sospiza mill-Qorti tal-Magistrati ghaliex tqies li kien qed jiddeponi b`mod li dak li qed jixhed kien jikkostitwixxi *hearsay evidence*. Daqstant dak li xehed l-Ispettur Stivala.

Wara li rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Grech Mintoff quddiem il-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti tghid li Grech Mintoff kien ghadu fil-bidu tad-deposizzjoni tieghu fis-sens illi kien ghadu qieghed jaghti l-isfond tal-kwistjoni u ma kienx ghadu beda jixhed dwar il-qofol ta` li kien jirrigwarda lil Ben Nasan.

Meta Ben Nasan ipprezenta n-nota li kien ordnat jipprezenta mill-Qorti tal-Magistrati, huwa fisser l-oggett tal-prova li ried jikseb bix-xiehda ta` Grech Mintoff.

Fin-nota jinghad :-

*a) Fl-2016 huwa pprepara program ghat-television li fih kellu jidher l-esponenti biex jitkellem dwar il-flus li l-Libjani kienu ghaddewlu biex itihom lis-Sur Neville Gafa, biex huma jkunu jistghu jigu ghal kura f'Malta. Xi jiem qabel ma xxandar dan il-programm, u wara li kien diga qed jigi reklamat, ix-xhud l-ewwel ircieva offerti biex ma jxandarx tali progamm, u sussegwentement ircieva theddid, bhalma fl-istess zmien ircieva theddid l-esponent,* ***liema theddid huwa mertu ta' din il-kawza****.*

*b) Huwa jista jsemmi b'isimhom il-persuni li jghixu l-Libja, li offrew lill-pulizija li jigu Malta jixhdu fil-kawzi li jirrigwardaw il-hlasijiet li kienu qed jaghmlu l-pazjenti Libjani lil Neville Gafa u/jew lil awtoritajiet Maltin, izda l-pulizija qatt ma hallewhom jigu Malta ghal dan. Wara li l-Qorti ohra giet mgharrfa permezz tax-xhieda ta' s-Sur Mintoff d-dettalji ta' tali xhieda hija se tisma uhud minn dawn x-xhieda permezz ta' Skype.*

Tenut kont tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li *a priori* jista` jinghad li Grech Mintoff ghandu jitqies bhala xhud inammissibbli meta lanqas ghandu beda jiddeponi fuq il-qofol tal-prova li jrid jaghmel Ben Nasan bid-deposizzjoni tieghu.

Jirnexxielux jikseb dak li jixtieq bid-deposizzjoni ta` Grech Mintoff hija kwistjoni ohra ghaliex waqt li jkun qed jaghti x-xiehda tieghu Grech Mintoff, il-Qorti tal-Magistrati sejra tkun attenta li taccetta dak biss li huwa permess mil-ligi, fosthom provi li jkunu rilevanti ghall-kaz.

Imma li Grech Mintoff fi stat tant bikri tad-deposizzjoni tieghu jitqies bhala xhud inammissibbli mhuwiex accettabbli ghaliex jikser il-jedd tas-smigh xieraq ta` Ben Nasan.

Il-fattur tar-rilevanza ghandu jkun accertat fil-kors tad-deposizzjoni ta` Grech Mintoff.

L-attendibilita` o meno tax-xiehda moghtija minn Grech Mintoff, li tkun accettata bhala ammissibbli, hija materja li tispetta lill-Qorti tal-

Magistrati meta tigi biex taghmel l-apprezzament tal-assjem tal-provi, qabel tigi biex taghti s-sentenza taghha.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda twiegeb ghall-kwesit li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, bhala Qorti Referenti, fl-ahhar paragrafu tal-provvediment li tat fid-29 ta` Lulju 2019 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Khaled M Ibrahim Ben Nasan" billi tiddikjara illi bil-fatt illi Ivan Grech Mintoff kien dikjarat bhala xhud inammissibbli fil-provvediment li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tat fl-14 ta` Marzu 2019 jikkostitwixxi ksur tal-jedd ta` Khaled M Ibrahim Ben Nasan ghal smigh xieraq kif dan il-jedd huwa mhares bl-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**Ghalhekk qeghda tibghat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabiex tkompli bis-smigh tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Khaled M Ibrahim Ben Nasan".**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jithallsu mill-Avukat Generali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**